

Premju LUX tal-Udjenza – Abbonament għal emails bil-massa

Avviż dwar il-Protezzjoni tad-Data

L-aħħar aġġornament: Marzu 2026

Aħna, il-Parlament Ewropew, qed nipprovdulek dan l-avviż biex ninfurmawk dwar l-ipproċessar tad-data personali tiegħek biex tirċievi komunikazzjonijiet dwar il-Premju LUX tal-Udjenza. Nipproċessaw id-data personali tiegħek abbażi tar-[Regolament \(UE\) 2018/1725](#) (minn hawn 'il quddiem “ir-Regolament”).

1. MIN HUWA L-KONTROLLUR TAD-DATA?

Il-Parlament Ewropew jaġixxi bħala l-kontrollur tad-data, u l-entità responsabbli għall-ipproċessar tad-data personali tiegħek biex tirċievi komunikazzjonijiet dwar il-Premju LUX tal-Udjenza, hija l-Multipliers Outreach Unit (MOU), irrappreżentata mill-Kap ta' Unità tagħha.

2. KIF TIĠI PPROĊESSATA D-DATA PERSONALI TIEGĦEK U GĦAL LIEMA SKOP(IJET)?

Skop Nru 1 – Jinżamm kuntatt

Aħna nipproċessaw id-data personali tiegħek biex nibagħtulek informazzjoni dwar avvenimenti u attivitajiet relatati mal-Premju LUX tal-Udjenza.

3. LIEMA DATA PERSONALI TIĠI PPROĊESSATA?

Skop Nru 1 – Żomm kuntatt

- L-indirizz tal-email

4. LIEMA HIJA L-BAŻI LEGALI GĦALL-IPPROĊESSAR?

L-ipproċessar tad-data personali tiegħek biex inżommu kuntatt miegħek (Skop Nru 1) jiddependi fuq il-**kunsens**, b'segwitu għall-Artikolu 5(1)(d) tar-Regolament.

5. GĦAL KEMM ŻMIEN SE TINĦAŻEN ID-DATA TIEGĦEK?

Id-data personali tiegħek ipproċessata biex jinżamm kuntatt miegħek (Skop Nru 1) tinħażen fil-bażi tad-data sigura ta' DĠ COMM, CoManSys, sakemm inti tiddeċiedi li ttemm l-abbonament. Tista' tagħmel dan billi tikklikkja fuq il-link “Waqqaf l-abbonament” disponibbli fil-qiegħ tal-komunikazzjonijiet kollha tagħna jew billi tikkuntattja lill-kontrollur tad-data billi tibgħat email, flimkien mat-talba tiegħek, lil luxaward@europarl.europa.eu. Kull ħames snin, se

nibagħtulek email biex infakkruk li għadek fil-bażi tad-data tagħna.

Aħna ma nżommux l-informazzjoni personali tiegħek għal aktar żmien milli meħtieġ għall-finijiet li għalihom għarniha.

6. MIN HUMA DAWK LI JIPPROĊESSAW ID-DATA PERSONALI TIEGĦEK?

Ħadd ma jipproċessa d-data personali tiegħek.

7. MIN JIRĊIEVI D-DATA PERSONALI TIEGĦEK?

Dawk li jirċievu d-data tiegħek fi ħdan il-Parlament Ewropew huma l-kollegi tagħna fl-Unità tal-Informatika fi ħdan DG COMM, inkarigata mill-ġestjoni tal-aspetti tekniċi tal-bażi tad-data ta' kuntatt ta' DG COMM (CoManSys). Huma jistgħu jaċċessaw id-data tiegħek fuq bażi ta' hteġa ta' tagħrif.

8. ID-DATA PERSONALI TIEGĦEK SE TIĠI KONDIVIŻA MA' PAJJIŻ MHUX TAL-UE JEW MA' ORGANIZZAZZJONI INTERNAZZJONALI?

Le, id-data personali tiegħek mhix se tiġi kondiviża ma' pajjiż mhux tal-UE jew ma' organizzazzjoni internazzjonali.

9. NUŻAW XI PROĊESS AWTOMATIZZAT U/JEW TA' TFASSIL TA' PROFILI BIEH NIEĦDU DEĊIŻJONIJET LI JISTGħU JAFFETTWAWK?

Le, ma nimplimentaw ebda proċess awtomatizzat u/jew ta' tfassil ta' profili biex nieħdu deċiżjonijiet li jistgħu jaffettwawk.

10. JEKK ID-DATA PERSONALI MA NKISBITX MINGĦANDEK, X'INHU S-SORS TAGħHA?

Le, ma niġbru ebda data personali minn sors ieħor jekk mhux mingħandek.

11. X'INHUMA D-DRITTIJET TIEGĦEK?

Skont il-Kapitolu III (l-Artikoli 14 sa 25) tar-Regolament, inti għandek id-drittijiet li ġejjin:

- Id-dritt ta' aċċess għad-data personali tiegħek.
- Id-dritt ta' rettifika tad-data personali tiegħek.
- Id-dritt għal tħassir tad-data personali tiegħek ("id-dritt li tkun minsi jew minsija"), fl-ambitu tal-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament skont l-Artikolu 19.
- Id-dritt għal restrizzjoni tal-ipproċessar, meta previst mir-Regolament skont l-Artikolu 20.
- Id-dritt għall-portabbiltà tad-data, meta l-ipproċessar huwa bbażat fuq il-kunsens tiegħek jew fuq kuntratt, u jsir b'mezz awtomatizzat u fl-ambitu tal-kundizzjonijiet

stabbiliti fir-Regolament skont l-Artikolu 22.

- Id-dritt ta' oġġezzjoni għall-ipproċessar, f'każijiet meta l-ipproċessar huwa bbażat fuq interess pubbliku u fl-ambitu tal-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament skont l-Artikolu 23.
- Id-dritt li tirtira l-kunsens tiegħek fi kwalunkwe ħin, mingħajr ma taffettwa l-legalità tal-ipproċessar ibbażat fuq il-kunsens qabel ma jiġi rtirat.
- Id-dritt li tressaq ilment quddiem il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS).

12. KIF TISTA' TEŻERĊITA D-DRITTIJET TIEGĦEK?

Tista' teżerċita d-drittijiet tiegħek billi tikkuntattja l-kontrollur tad-data, il-Multipliers Outreach Unit (MOU) permezz ta' email lil luxaward@europarl.europa.eu jew bil-posta, f'envelop issiġillat, lill-Parlament Ewropew, Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni, Direttorat għall-Attivitajiet ta' Sensibilizzazzjoni, Multipliers Outreach Unit għall-attenzjoni tal-Kap ta' Unità, 60 rue Wiertz / Wiertzstraat 60, 1047 Bruxelles/Brussels, il-Belġju.

Jekk ikollok xi kummenti jew ilmenti dwar il-mod kif id-data personali tiegħek tiġi pproċessata, tista' tikkuntattja lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data tal-Parlament Ewropew permezz ta' email lil data-protection@europarl.europa.eu.

Għandek id-dritt li tressaq ilment mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data permezz ta' email lil edps@edps.europa.eu jekk taħseb li seħħ ksur tad-drittijiet tiegħek fil-qafas tar-Regolament (UE) 2018/1725 b'riżultat tal-ipproċessar tad-data personali tiegħek mill-Kontrollur tad-Data.

Jekk tixtieq issib aktar informazzjoni, tista' tikkonsulta r-[Reġistru tal-Protezzjoni tad-Data](#) tal-Parlament Ewropew, fejn jiġu nnotifikati l-operazzjonijiet kollha tal-ipproċessar tad-data personali.